4) *Microsoft tbati l-ispejjeż tagħha u l-ispejjeż tal-Kummissjoni relatati mal-proċedura sommarja fil-Kawża T-201/04 R, ħlief għall-ispejjeż tal-Kummissjoni marbuta ma' l-interventi ta' The Computing Technology Industry Association, ta' Association for Competitive Technology, ta' TeamSystem, ta' Mamut, ta' DMDsecure.com, ta' MPS Broadband, ta' Pace Micro Technology, ta' Quantel, ta' Tandberg Television u ta' Exor.*

5) *Microsoft tbati l-ispejjeż ta' Software & Information Industry Association, ta' Free Software Foundation Europe, ta' Audiobanner.com u ta' European Committee for Interoperable Systems (ECIS), li jinkludu dawk relatati mal-proċedura sommarja.*

6) *Il-Kummissjoni tbati 20 % ta' l-ispejjeż tagħha u 20 % ta' l-ispejjeż ta' Microsoft, ħlief għall-ispejjeż ta' din ta' l-aħħar marbuta ma' l-interventi ta' Software & Information Industry Association, ta' Free Software Foundation Europe, ta' Audiobanner.com u ta' l-ECIS.*

7) *The Computing Technology Industry Association, Association for Competitive Technology, TeamSystem, Mamut, DMDsecure.com, MPS Broadband, Pace Micro Technology, Quantel, Tandberg Television u Exor ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, inklużi dawk relatati mal-proċedura sommarja.*

([1]) ĠU C 179, 10.7.2004.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Settembru 2007 — Franża vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-240/04) ([1])

("Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika — Investimenti — Komunikazzjoni lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment — Proċeduri — Regolament (Euratom) Nru 1352/2003 — Nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni — Artikoli 41 KEEA sa 44 KEEA — Prinċipju ta' ċertezza legali")

(2007/C 269/81)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Franża (rappreżentanti: inizjalment, F. Alabruine, G. de Bergues, C. Lemaire u E. Puisais, u wara G. de Bergues u S. Gasri, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: M. Patakia, aġent)

Partijiet intervenjenti in sostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: C.-D. Quassowski u A. Tiemann, aġenti) u r-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: inizjalment, D. Haven, u wara M. Wimmer u fl-aħħar, A. Hubert, aġenti, assistiti minn J.-F. De Bock, avukat)

Suġġett

L-annulament tar-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru. 1352/2003, tat-23 ta' Lulju 2003, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1209/2000 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-effettwar tal-komunikazzjonijiet stipulati taħt l-Artikolu 41 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (ĠU L 192, p. 15).

Dispożittiv

1) *Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 1352/2003, tat-23 ta' Lulju 2003, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1209/2000 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-effettwar tal-komunikazzjonijiet stipulati taħt l-Artikolu 41 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika huwa annullat.*

2) *Il-Kummissjoni hija kkundannata tbati l-ispejjeż tar-Repubblika Franċiża.*

3) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju tal-Belġju għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

([1]) ĠU C 304, 13.12.2003 (preċedentement il-kawża C-455/03).

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-20 ta' Settembru 2007 — Imagination Technologies vs L-UASI (PURE DIGITAL)

(Kawża T-461/04) ([1])

("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PURE DIGITAL — Raġunijiet assoluti ta' rifjut — Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Karattru distint miksub mill-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94")

(2007/C 269/82)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Imagination Technologies Ltd (Kings Langley, Hertfodshire, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Edenborough, barrister, P. Brownlow u N. Jenkins, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u Disinni) (rappreżentanti: inizzjalment D. Schennen, imbagħad D. Botis, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tas-16 ta' Settembru 2004 (kawża R 108/2004-2) li tikkonċerna applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-*trade mark* verbali PURE DIGITAL bħala *trade mark* Komunitarja.

Dispożittiv tas-sentenza

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-rikorrenti għandha tbati l-ispejjeż.*

(1) ĠU C 57, 5.3.2005.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-20 ta' Settembru 2007 — EARL Salvat père & fils *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-136/05) (1)

("Għajnuniet mogħtija mill-Istat — Miżuri ta' konverżjoni fil-produzzjoni ta' l-inbid — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuniet parzjalment kompatibbli u parzjalment inkompatibbli mas-suq komuni — Rikors għal anullament — Ammissibilità — Obligazzjoni ta' motivazzjoni — Evalwazzjoni fid-dawl ta' l-Artikolu 87(1), KE")

(2007/C 269/83)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: EARL Salvat père & fils (Saint-Paul-de-Fenouillet, il-Franza); Comité interprofessionnel des vins doux naturels et vins de liqueur à appellations contrôlées (CIVDN) (Perpignan, Franza); u Comité national des interprofessions des vins à appellation d'origine (CNIV) (Parigi, Franza) (rappreżentanti: H. Calvet u O. Billard, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Giolito u A. Stobiecka-Kuik, aġenti)

Parti intervenjenti in sostenn tal-partijiet rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Franza (rappreżentant: G. de Bergues, aġent)

Suġġett tal-Kawża

Talba għall-annullament ta' l-Artikolu 1(1) u 1(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, 2007/252/KE tad-19 ta' Jannar 2005, dwar "il-Pjan Rivesaltes" u t-taxxi parafiskali CIVDN implementati minn Franza (ĠU L 112, p.1).

Dispożittiv tas-sentenza

1) *Ir-rikors huwa miċħud*

2) *Ir-rikorrenti huma kkundannati jbatu l-ispejjeż.*

3) *Ir-repubblika ta' Franza għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 132, 28.5.2005.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-20 ta' Settembru 2007 — Fachvereinigung Mineralfaserindustrie vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-254/05) (1)

(Għajnuna mogħtija mill-Istat — Miżuri intiżi biex jitħeġġeġ l-użu ta' materjal iżolanti magħmul minn materja prima rinnovabbli — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna mogħtija mill-Istat kompatibbli mas-suq komuni — Proċedura preliminari ta' investigazzjoni — Rikors għal annullament — Assoċjazzjoni professjonali — Kunċett ta' partijiet interessati fis-sens ta' l-Artikolu 88(2) KE — Motivi relattivi għall-validità tad-deċiżjoni — Innammissibbiltà)

(2007/C 269/84)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Fachvereinigung Mineralfaserindustrie eV Deutsche Gruppe der Eurima — European Insulation Manufacturers Association (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Schmidt-Kötters, D. Uwer u K. Najork, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: V. Kreuschitz, aġent)

Parti intervenjenti in sostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: M. Lumma u C. Schulze-Bahr, aġenti)

Suġġett tal-Kawża

Rikors għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 379, tal-11 ta' Frar 2005 rigward l-Għajnuna mogħtija mill-Istat N 260b/2004 (Il-Ġermanja — estensjoni tal-programm intiż biex jitħeġġeġ l-użu ta' materjal iżolanti magħmul minn materja prima rinnovabbli).

Dispożittiv tas-sentenza

1) *L-appell huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Fachvereinigung Mineralfaserindustrie eV Deutsche Gruppe der Eurima — European Insulation Manufacturers Association hija ordnata tbati l-ispejjeż stess u dawk tal-Kummissjoni.*

3) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija ordnata tbati l-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 229, 17.9.2005.